# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Frar, 2024.**

**Numru 10**

**Rikors numru 619/17/1 LM**

**Claudio Maria Marciano di Scala**

**v.**

**Francis J.Vassallo & Associates Limited (C-22963)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur minn sentenza ta' nhar it-3 ta' Ġunju 2019 mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. F'dik is-Sentenza l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur li tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas arretrati lill-attur ta' paga u/jew *performance bonus* u kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali skont kuntratt ta' impjieg bejn il-partijiet. Is-soċjetà konvenuta saħqet illi l-impjieg tal-attur kien ġie

tterminat ferm qabel ma tresqet il-kawża.

**Daħla**

2. L-attur, permezz ta' rikors ġuramentat intavolat fis-7 ta' Lulju 2017, talab lill-Ewwel Qorti:

> "*1) Tiddikjara li r-rikorrenti huwa kreditur tas-soċjetà intimata u dan versu ammont ta' arretrati ta' paga u/jew performance bonus u kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali li jridu jiġu likwidati u dan skont il-kuntratt ta' impjieg relattiv;*
>
> *2) Tillikwida l-ammont dovut lir-rikorrent ai fini tal-ewwel talba;*
>
> *3) Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas is-somma hekk likwidata.*
>
> *Bl-ispejjeż u l-imgħax u s-soċjetà intimata minn issa inġunta in subizzjoni."*

3. Illi l-attur ressaq it-talbiet suesposti abbażi tas-segwenti premessi:

> *"1. Illi r-rikorrenti huwa impjegat mas-soċjetà intimata fuq kuntratt indefinit u dan skont kuntratt ta' impjieg hawn anness u mmarkat bħala Dok. A;*
>
> *2. Illi fost ir-responsabbiltajiet u servizzi offruti mir-rikorrent skont l-istess kuntratt, huwa kellu jaġixxi ta' 'marketing executive'*
>
> *3. Illi r-rikorrenti qeda l-funzjoni tiegħu b'diliġenza, tant li hemm numru ta' soċjetajiet li ġab huwa stess li għadhom sal-lum reġistrati u jużaw il-faċilitajiet tas-soċjetà intimata;*
>
> *4. Illi s-soċjetà intimata naqset milli tħallas dak dovut lir-rikorrent kemm bħala paga u kif ukoll bħala performance bonus skont il-klawsola 12 tal-kuntratt ta' impjieg, kif ukoll naqset li tħallas dak dovut bħala sigurtà soċjali;*
>
> *5. Illi għalkemm interpellata permezz ta' ittra uffiċjali numru 1783/2017, is-soċjetà intimata baqgħet inadempjenti;*
>
> *6. Illi għalhekk ir-rikorrent kellu jipproċedi b'din il-kawża u jiddikjara li huwa jaf b'dawn il-fatti personalment."*

4. Illi l-konvenut ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:

*"Illi hu awtorizzat jirrappreżenta lill-kumpannija u jaf b'dawn il-fatti peress illi hu membru tal-'management' tal-istess;*

*Illi t-talbiet tar-rikorrent huma bbażati fuq asserzjoni illi hu impjegat tal-intimati u għalhekk dovut xi forma ta' rimunerazzjoni;*

*Illi fil-fatt ir-rikorrent kien ġie liċenzjat permezz ta' ittra tal-11 ta' Frar, 2014, annessa Dok. A u għalhekk l-asserzjoni tiegħu li hu impjegat tal-intimati hi għal kollox inveritiera: ir-rikorrent ma rċieva ebda ħlas jew benefiċċji tal-impjieg wara t-terminazzjoni u ma kkontestax it-tkeċċija u lanqas ma għamel xi talba biex b'xi mod jiġġustifika l-asserzjoni li llum hu impjegat tal-intimati.*

*Illi dan kollu jiġi amplifikat waqt is-smigħ.*

*Għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante illi ma hemm ebda bażi għal tali talbiet."*

5. Illi l-Ewwel Qorti waslet għas-segwenti deċide:

*"1. Tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta;*

*2. Tiċħad l-ewwel talba tal-attur. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u t-tielet talba tal-attur stante l-imsemmija talbiet huma konsegwenzjali għall-ewwel talba.*

*Spejjeż tal-kawża a karigu tal-attur."*

U dan wara li għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet legali:

*"L-ewwel kwistjoni li trid tiġi ttratata mill-Qorti hija jekk l-impjieg li l-attur kellu mas-soċjetà konvenuta ġiex itterminat jew le, sabiex sussegwentement f'każ li jinstab li l-impjieg tiegħu ma ġiex itterminat, ikun jista' jiġi likwidat l-ammont li l-attur jippretendi li għandu jirċievi bħala ħlas mingħand is-soċjetà konvenuta għas-servizzi pprestati minnu. L-attur jinsisti li l-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta ma kienx ġie tterminat, u huwa għadu impjegat mas-soċjetà konvenuta b'mod regolari. Ir-rappreżentant ta' JobsPlus xehed li skont ir-records ta' JobsPlus l-attur għadu impjegat mas-soċjetà konvenuta. Apparti dan, l-attur isostni li hu ma kienx irċieva l-ittra ta' terminazzjoni tal-impjieg tiegħu. L-attur iżda allega mingħajr ma ġab prova ta' dan, li hu kien irċieva ittra, madwar ġimgħa wara t-tilwima li kellu ma' Francis Vassallo fuq it-telephone, li tgħid li huwa ma kienx ser jibqa' direttur*

*tal-kumpanniji li huwa kien introduċa lis-soċjetà konvenuta. Fl-ebda waqt tal-kawża ma jirriżulta li l-attur esebixxa kopja ta' din l-ittra, għalkemm is-soċjetà konvenuta min-naħa tagħha esebiet il-kopja tal-ittra mibgħuta minnha lill-attur fil-11 ta' Frar, 2014 fejn l-attur ġie mgħarraf li l-kuntratt ta' impjieg kien qiegħed jiġi tterminat b'effett immedjat. F'din l-ittra ngħataw raġunijiet dettaljati għalfejn is-soċjetà konvenuta ħasset li kellha tittermina il-kuntratt li kellha mal-konvenut, fosthom għax l-attur kien iqatta' perijodi konsiderevoli ta' żmien barra l-pajjiż, kien naqas milli jwettaq l-obbligi kollha tiegħu kif mitlub min-natura tax-xogħol tiegħu, kif ukoll kien naqas mir-rispett, milli jkun kontabbli u jżomm komunikazzjoni mas-soċjetà konvenuta u mal-klijenti tagħha. Fl-aħħar nett ġie kkonstatat li l-attur ma kienx qiegħed jaġixxi fl-aħjar interessi tas-soċjetà konvenuta. L-attur iżda jiċħad li hu qatt irċieva din l-ittra, u għalkemm jammetti f'diversi waqtiet tax-xhieda tiegħu, li hu kien irċieva ittra li tgħid li r-rwol tiegħu ta' direttur ta' wħud mill-kumpanniji li kien introduċa hu lis-soċjetà konvenuta, kien qiegħed jiġi tterminat, madanakollu baqa' ma ppreżentax kopja ta' din l-ittra. Il-Qorti kkonsidrat ukoll li fil-kuntratt ta' impjieg li l-attur kellu mas-soċjetà konvenuta, imkien ma jissemma li l-attur kellu jaġixxi bħala direttur ta' wħud mill-kumpanniji li ġew introdotti minnu, u jirriżulta li dan ir-rwol ġie maħluq wara li l-attur beda l-ingaġġ tiegħu, sabiex l-attur ikun jista' jżid fid-dħul tiegħu, kif xehed Francis Vassallo nnifsu.*

*L-attur jibni l-pretensjonijiet tiegħu fuq il-premessa li għad li ma kien fadallu l-ebda forma ta' kuntatt mas-soċjetà konvenuta jew mad-diriġenti tagħha, madanakollu huwa xorta waħda baqa' jirreferilha klijenti ġodda u jippromwovi s-servizzi tagħha kull fejn ikun. Il-Qorti kkonsidrat dak li ntqal mill-esponenti tas-soċjetà konvenuta, li anki fiż-żmien meta l-attur kien impjegat magħha kien ikun diffiċli għalihom li jikkuntattjawh jew b'xi mod jikkorrispondu miegħu, u kieku dan b'xi mod baqa' jiffrekwenta l-uffiċċji tal-konvenuta, l-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg aktarx li kienet tingħatalu f'idejh u mhux tinbagħat bil-posta.*

*Il-Qorti kkonsidrat id-diversi inkonsistenzi fix-xhieda mogħtija mill-attur, partikolarment f'dawk il-partijiet tax-xhieda tiegħu fejn jgħid li kien irċieva ittra li tgħid li hu ma kienx ser jibqa' jiġi meqjus bħala direttur ta' għadd ta' kumpanniji, imma kopja ta' din l-ittra ma ġietx ippreżentata Fl-istess waqt l-attur jiċħad li hu qatt irċieva kopja tal-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta. Is-soċjetà konvenuta ppreżentat l-unika ittra li hi tgħid li ntbagħtet lill-attur, dik tal-11 ta' Frar, 2014, fejn l-attur ġie mgħarraf li l-kuntratt ta' impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat, u għalhekk sa fejn tista' tikkonkludi din il-Qorti ma jidhirx li s-soċjetà konvenuta bagħtet xi ittra oħra lill-attur, apparti dik li permezz tagħha ġie tterminat l-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta. Il-Qorti tqis ukoll li l-attur ma baqax imur xogħol jew jiffrekwenta l-uffiċċji tas-soċjetà konvenuta almenu mill-bidu tas-sena 2014, kien isiefer mingħajr ma jinforma lil ħadd kemm kien bi ħsiebu jdum jew jagħmel arranġamenti dwar x'għandu jsir fl-assenza tiegħu mill-uffiċċju, u ma ġab ebda prova dwar liema kienu s-*

*soċjetajiet li hu introduċa lis-soċjetà konvenuta u kemm minn dawn baqgħu jagħmlu użu mis-servizzi tagħha. L-oneru tal-prova kien fuq l-attur, bħala l-persuna li ressaq quddiem il-Qorti l-pretensjoni tal-ħlas, li jipprova billi almenu jipprovdi l-ismijiet tal-kumpanniji li huwa introduċa lis-soċjetà konvenuta, u xi forma ta' prova oġġettiva li dawn il-kumpanniji baqgħu jagħmlu użu mis-servizzi tas-soċjetà kovenuta. Is-sempliċi fatt li l-formuli tat-terminazzjoni tal-impjieg baqgħu ma ġewx iffirmati mill-attur minħabba li wara Frar tal-2014 dan bl-ebda mod ma reġa' kkomunika mas-soċjetà konvenuta, u l-fatt li l-ittra ta' terminazzjoni kellha tinbagħat lilu bil-posta, huma kollha fatturi li jindikaw li l-attur għeb għalkollox miċ-ċirkolazzjoni, u għalhekk m'hemm l-ebda raġuni loġika għal xiex din il-Qorti għandha tasal għall-konklużjoni li dan kien għadu f'xi impjieg regolari mas-soċjetà konvenuta. F'dan ir-rigward il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni li bejn il-partijiet kien għad hemm xi forma ta' rapport kuntrattwali wara l-aħħar tal-2013, jew li hemm xi bażi legali jew fattwali għall-pretensjonijiet li qiegħed jivvanta l-attur fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, meta jidher ċar li bejn il-partijiet lanqas l-iċken komunikazzjoni ma kien hemm, aħseb u ara kemm kien hemm relazzjoni ta' impjegat u employer, jew xi relazzjoni kummerċjali li kienet għadha qed tiġi kkultivata. In vista tal-fatt li ġie ppruvat li s-soċjetà konvenuta ħallset lill-attur dak kollu li kien dovut lilu għaż-żmien meta huwa kien għadu impjegat tagħha, il-Qorti sejra tiċħad il-pretensjonijiet tal-attur stante li dawn huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt."*

6. L-**attur** (minn issa l-quddiem l-**appellant**), intavola dan l-appell nhar l-20 ta' Ġunju 2019. Filwaqt li s-soċjetà konvenuta resqet risposta nhar it-12 ta' Lulju 2019.

7. L-appell in kwistjoni huwa msejjes fuq tlett aggravji: li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi (**l-Ewwel Aggravju);** li l-ittra datata l-11 ta' Frar 2014 hija falza (**it-Tieni Aggravju);** li l-formola tat-terminazzjoni tal-ETC (illum Jobs Plus) ma kellhiex bżonn il-firma tal-attur (**it-Tielet Aggravju)**.

8. Illi din il-Qorti rat ix-xhieda u d-dokumenti mressqa. Illi għall-

intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti qed tirriproduċi s-sommarju ta' provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti:

*"Provi u riżultanzi*

*L-attur ippreżenta kopja tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta li jġib id-data tat-2 ta' Jannar, 2012 li ġie ffirmat bejn min-naħa l-waħda Francis J. Vassallo, in rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta, u l-attur, Claudio Maria Mariano di Scala, li f'dan il-kuntratt ġie indikat bħala 'employee'. 1 Permezz ta' dan il-kuntratt ġie stipulat li l-attur kellu jibda l-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta fl-1 ta' Jannar, 2012, u dan il-kuntratt kien għal perijodu ta' żmien indefinit fuq bażi part-time. L-attur ġie ingaġġjat bħala 'marketing executive' mas-soċjetà konvenuta, u f'dan ir-rwol l-attur kellu jirċievi ħlas ta' €4,800 fis-sena pagabbli fuq perijodu ta' tnax-il xahar, u performance bonus ta' tnax fil-mija (12%) maħdum fuq il-fees imħallsa lis-soċjetà konvenuta minn klijenti li jiġu introdotti bl-intervent dirett tal-attur, li minnhom irid jitnaqqas l-ammont ta' €4,800 li jitħallas lill-attur bħala salarju. F'każ li f'xi sena partikolari ma jkunx hemm lok fejn jitħallas l-imsemmi performance bonus, is-salarju li l-attur ikun ipperċepixxa f'dik is-sena jitnaqqas mill-performance bonus tiegħu fis-snin ta' wara.*

*Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta ppreżentat kopja ta' ittra mibgħuta lill-attur fil-11 ta' Frar, 2014, fejn sar riferiment għall-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet fit-2 ta' Jannar, 2012, u fejn l-attur ġie mgħarraf li l-kuntratt ta' impjieg li kellu mas-soċjetà konvenuta kien qiegħed jiġi tterminat b'effett minn erba' ġimgħat mid-data tal-ittra. Fost ir-raġunijiet mogħtija għal din it-terminazzjoni kien hemm il-fatt li l-attur kien ta l-impressjoni li hu kien ser ikun qiegħed jirrisjedi f'Malta, meta rriżulta li l-preżenta tiegħu fil-pajjiż kienet waħda minima, kif ukoll minħabba diversi nuqqasijiet fix-xogħol tiegħu u nuqqas ta' rispett muri lejn id-direttur tas-soċjetà konvenuta. L-attur ġie mgħarraf li kien hemm għadd ta' klijenti tas-soċjetà konvenuta li kienu lmentaw magħha għax ma setgħux jikkomunikaw mal-attur minkejja li kienu ppruvaw jagħmlu dan.*

*L-attur* ***Claudio Maria Marciano di Scala*** *fl-affidavit tiegħu qal li hu kien ġie Malta fis-sena 2008, sabiex jieħu sehem fi proġett tal-UNESCO. Qal li l-familja tiegħu ilha involuta fl-Ordni Militari Sovrana ta' Malta (SMOM) għal diversi snin, u fl-2009, waqt laqgħa tal-Ordni f'Venezja, missieru kien iltaqa' ma' Francis Vassallo, direttur tas-soċjetà konvenuta, fejn dan kien qallu li ibnu kien qiegħed jgħix hawn Malta. L-attur kompla jgħid li huwa mbagħad kellu ma' Francis Vassallo, li sadanittant kien sar jaf li dan kien direttur ta' kumpannija li topera fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. Fl-2010 l-attur kien ġie avviċinat mid-diriġenti tas-soċjetà konvenuta sabiex jibda jaħdem magħhom, bir-rwol speċifiku li jibda jintroduċi klijenti ġodda għas-servizzi offruti mis-soċjetà konvenuta. Qal li d-diriġenti tas-soċjetà konvenuta kienu jafu bil-kuntatti tiegħu ma' diversi persuni barranin,*

*speċjalment ġewwa San Marino. L-attur żied jgħid li huwa ressaq diversi klijenti u intraprendituri lejn is-soċjetà konvenuta, li kollha wrew interess f'Malta u fis-sistema ta' tassazzjoni li joffri l-pajjiż, u kien hemm diversi negozjanti li wżaw is-servizzi tas-soċjetà konvenuta, l-aktar minħabba li San Marino mhux Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, u għalhekk kien jagħmel aktar sens għalihom li jibdew jaħdmu ma' entità li qiegħda topera minn Stat Membru.*

*L-attur spjega kif hu kellu jirċievi kummissjoni ta' tnax fil-mija (12%), kif ukoll kellu jieħu kummissjoni addizzjonali minħabba li huwa kien jaġixxi wkoll ta' direttur tas-soċjetajiet li jiġu reġistrati minn dawn il-klijenti. L-attur kompla jgħid li wara xi żmien kien hemm qbil mas-soċjetà konvenuta, li huwa kellu jieħu aktar minn 12% fuq kull kumpannija, u dan sabiex hu jibda jiġi kkunsidrat daqslikieku huwa kien konsulent mas-soċjetà konvenuta. Qal li sadanittant hu beda jintroduċi aktar kumpanniji sabiex dawn jagħmlu użu mis-servizzi offruti mis-soċjetà konvenuta, u dawn bdew jibnu r-relazzjoni kummerċjali magħha. Qal li s-soċjetà konvenuta ħadet ħsieb li tirregolarizza l-istatus tiegħu hawn Malta, billi applikatlu għad-dokumenti kollha li kien jeħtieġ, u mis-salarju li kien dovut lilu, dejjem tnaqqsu l-kontribuzzjonijiet li kienu dovuta lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. L-attur żied jgħid li hu qatt m'għamel xi studju speċjalizzat fil-qasam li topera fih is-soċjetà konvenuta, iżda min-naħa tas-soċjetà konvenuta dejjem kien jintqal lilu li r-rwol tiegħu kien jestendi sa fejn isib klijenti ġodda għall-kumpannija, jipprovdi l-firem neċessarji, u wara jitħallas is-salarju dovut lilu. Żied jgħid iżda li hu kien jagħmel anki xogħol ančillari, bħal jieħu ħsieb jagħmel il-bookings tal-lukandi fejn ikunu ser joqogħdu dawn il-klijenti, jieħu ħsieb jakkumpanjahom f'ristoranti u f'tours li jagħmlu madwar Malta, u kien jieħu ħsieb jiġborhom u jwassalhom lura lejn l-ajruport. L-attur qal ukoll li huwa kien jakkumpanja lil dawn il-klijenti f'diversi laqgħat li kien ikollhom mad-diriġenti tas-soċjetà konvenuta. L-attur qal li wara numru ta' xhur, hu beda jinduna li minkejja li kien qiegħed jaqdi l-inkarigu fdat lilu li jintroduċi għadd ta' klijenti ġodda sabiex jagħmlu negozju mas-soċjetà konvenuta, madanakollu s-salarju tiegħu dejjem baqa' l-istess, anki meta hu kien inħatar direttur ta' għadd ta' kumpanniji ġodda. Żied jgħid li kien hemm episodji fejn Francis Vassallo iltaqa' ma' klijenti introdotti mill-attur, mingħajr ma dan kien jinfurmah li kienet ser issir tali laqgħa, u hu beda jinduna li Vassallo kien qiegħed jinjorah kull darba li pprova javviċinah sabiex ikellmu dwar is-sitwazzjoni. L-attur qal li kien hemm diversi klijenti li meta ltaqgħu ma' problema fin-negozjati tagħhom mas-soċjetà konvenuta, kienu javviċinaw lilu personalment, u minkejja li huwa kien jaf li l-klijenti ma kinux qegħdin jieħdu servizz tajjeb mingħand is-soċjetà konvenuta, huwa baqa' jaġixxi fl-aħjar interess tagħha, saħansitra anki meta kien meħtieġ li jsiefer għal xi raġuni jew oħra. L-attur qal li fit-12 ta' Marzu, 2014, waqt li hu kien imsiefer sabiex jagħmel testijiet mediċi, huwa kellu argument ma' Francis Vassallo li ppretenda li l-attur kellu jkun Malta, u waqt dan l-argument sar xi theddid u diskors xejn rispettuż fil-konfront tiegħu. Kompla jgħid li hu nħasad b'dan l-aġir minħabba li hu dejjem wera rispett u kien*

*jikkonsidra lil Francis Vassallo bħala punt ta' riferiment għall-valuri li dan kien iħaddan, speċjalment dawk reliġjużi. Ġimgħa wara din it-tilwima, l-attur qal li kien irċieva ittra fejn ġie mgħarraf li l-inkarigu tiegħu bħala direttur kien qiegħed jintemm. Żied jgħid li din l-ittra ma kienet tgħid xejn dwar l-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta ai termini tal-kuntratt imsemmi. L-attur qal li wara dan l-episodju li kien inqala' bejniethom, il-partijiet ma reġgħux tkellmu. L-attur kompla jgħid li fl-istess żmien huwa kien preokkupat bl-istat ta' saħħtu. Huwa ma baqax jirċievi s-salarju dovut lilu, għalkemm baqa' jittama li s-soċjetà konvenuta kienet ser tonora l-obbligi li kellha fil-konfront tiegħu anki għax diversi klijenti li ġew introdotti minnu kienu baqgħu klijenti tal-istess soċjetà konvenuta. L-attur qal illi wara xi żmien kien beda jirċievi ittri mingħand diversi entitajiet governattivi minħabba li hu kien għadu meqjus responsabbli għal diversi soċjetajiet hawn Malta. Kompla jgħid li hu ħassu mbeżża' minħabba li huwa kien investa ħafna fir-reputazzjoni tiegħu f'pajjiżna u qatt ma kien negliġenti fil-konfront tal-obbligi tiegħu lejn l-awtoritajiet Maltin. L-attur qal li hu għad għandu kull interess li jiġbor il-flus dovuti lilu mingħand is-soċjetà konvenuta. Kompla jgħid li huwa ma kienx irċieva l-ittra tal-11 ta' Frar 2014, la b'mod elettroniku u lanqas bil-posta normali, u din l-ittra kienet intbagħtet f'indirizz ħażin b'malintiż, u l-indirizz tiegħu kien magħruf mis-soċjetà konvenuta, li kienet għenitu jikseb id-dokumentazzjoni neċessarja sabiex jirregolarizza l-istatus tiegħu ta' residenza hawn Malta.*

*Fl-udjenza tas-6 ta' Novembru, 2017 xehed* ***Joseph Saliba****, in rappreżentanza ta' Jobs Plus, li ppreżenta kopja tal-employment history tal-attur. Ix-xhud qal li fil-preżent l-attur jidher li għadu rreġistrat bħala impjegat mas-soċjetà konvenuta fil-grad ta' marketing executive.*

*Fl-istess udjenza xehdet ukoll l****-avukat Claudette Fenech****, in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpanniji , li qalet li fil-preżent l-attur huwa reġistrat bħala direttur ta' soċjetà bl-isem Haraka Limited (C 56169) u huwa wkoll involut f'kumpannija bl-isem Projenit Limited (C 54258) bħala subscriber u mhux bħala direttur.*

*Fl-udjenza tas-26 ta' Jannar, 2018 xehed* ***Dr Carol Peralta*** *, li qal li hu kien jaf lill-attur għal numru ta' snin, u xi żmien qabel kien akkumpanjah fil-Kwartieri tal-Pulizija u fid-Dipartiment taċ-Ċittadinanza sabiex ikun jista' japplika għan-nazzjonalità Maltija. Ix-xhud qal li mill-investigazzjonijiet li saru mill-awtoritajiet governattivi, irriżulta li l-attur kien ilu żmien biżżejjed hawn Malta sabiex jikkwalifika għaċ-ċittadinanza.*

*Fl-istess udjenza xehed ukoll il-****PL Quentin Tanti*** *, in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpanniji, li qal li mit-tiftix li sar jirriżulta li l-attur kien involut f'għadd ta' soċjetajiet, u ppreżenta dokument sabiex jindika dawn is-soċjetajiet liema huma, b'dettalji ta' meta l-attur ġie appuntat u jekk irriżenja mill-kariga, meta irriżenja.*

*Fl-udjenza tas-26 ta' Jannar, 2018 xehed il-**PL Sean Meli**, in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, li ppreżenta dokument maħruġ mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali li juri li l-uniċi kontribuzzjonijiet li tħallsu f'isem l-attur huma dawk għas-snin 2012 u 2013, filwaqt li jidher li ma tħallsu ebda kontribuzzjonijiet f'ismu għas-snin sussegwenti. Ix-xhud spjega li għas-sena 2013 kien hemm 52 kontribuzzjoni mħallsa, filwaqt li għas-sena 2012 kien hemm 53 kontribuzzjoni imħallsa, għan-nom tal-attur mis-soċjetà konvenuta.*

*Fl-udjenza tal-21 ta' Frar, 2018 xehed missier l-attur**, Claudio Marciano di Scala Sr.** , li qal li hu sar jaf lil Francis J. Vassallo minħabba li t-tnejn li huma involuti fl-Ordni Militari Sovrana ta' Malta u kienu jiltaqgħu waqt attivitajiet organizzati mill-Ordni. Ix-xhud qal li wara xi żmien Vassallo kien wera interess li t-tifel tiegħu jqabdu jaħdem mas-soċjetà konvenuta. Ibnu kien ġie offrut żewġ rwoli f'din il-kumpannija, li jsib klijenti ġodda u jressaqhom lejn is-soċjetà konvenuta, u bħala direttur ta' soċjetajiet li bdew jiġu rreġistrati hawn Malta minn dawn il-klijenti. Ix-xhud żied jgħid li l-attur kellu jieħu perċentwal bħala kummissjoni għax-xogħol li kien qiegħed jagħmel bħala konsulent, kif ukoll somma fissa bħala ħlas għax-xogħol tiegħu bħala direttur. Ix-xhud żied jgħid li kien Francis Vassallo li akkumpanja lil ibnu għand diversi entitajiet governattivi sabiex dan seta' jirregolarizza l-istatus u r-residenza tiegħu f'Malta. Żied jgħid li hu personalment m'għandu l-ebda rapport mas-soċjetà konvenuta, iżda huwa ħabib ta' Francis Vassallo fuq bażi personali. Ix-xhud ikkonferma wkoll li ibnu kellu xi problemi mediċi li minħabba fihom kellhom isirulu sensiela ta' testijiet u interventi barra minn Malta.*

*Fl-istess udjenza xehed **Paolo Gianfante**, li qal li huwa kien ġie introdott lil Francis Vassallo fl-2011 permezz tat-tax advisor tiegħu ġewwa San Marino, li kien qallu li hu kien ġie f'kuntatt ma' Vassallo permezz tal-attur. Ix-xhud qal li fil-laqgħat li kellu ma' Vassallo, kien ikun hemm l-attur preżenti, u kien hemm drabi meta kienu ħarġu flimkien. Ix-xhud kompla jgħid li fuq perijodu ta' sentejn, huwa għamel pagamenti ta' madwar €64,000 bħala ħlasijiet lis-soċjetà konvenuta. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ix-xhud qal li hu ġie Malta madwar sitta jew seba' darbiet, u kien hemm istanzi fejn huwa stess kien irrefera klijenti lis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud esebixxa għadd ta' dokumenti bħala prova tal-ħlasijiet li huwa kien għamel lis-soċjetà konvenuta.*

*Permezz ta' nota ppreżentata fit-23 ta' Marzu, 2018, is-soċjetà konvenuta ppreżentat spreadsheet b'informazzjoni dwar diversi kumpanniji affiljati mas-soċjetà konvenuta, bil-kummissjonijiet bir-rata ta' 12% indikati fuqhom. Is-soċjetà konvenuta għamlitha ċara li din l-informazzjoni m'għandhiex tiġi interpretata bħala xi ammissjoni da parti tagħha li hemm xi flejjes dovuti minnha lill-attur.*

*Fl-udjenza tat-23 ta' April, 2018 xehdet* ***Johanna Bartolo****, in rappreżentanza ta' Bank of Valletta plc, li ntalbet tagħti informazzjoni dwar ħlasijiet li setgħu saru mis-soċjetà konvenuta lill-attur. Ix-xhud qalet li l-kont tal-attur infetaħ fl-20 ta' April, 2009 u esebiet kopja tat-tranżazzjonijiet kollha li saru fil-kont tal-attur minn dik id-data.*

*Fl-udjenza tal-11 ta' Ġunju, 2018, xehed* ***Francis Vassallo****, li qal li hu president u fundatur tas-soċjetà Francis J. Vassallo & Associates Limited. Ix-xhud għamel riferiment għal parti mix-xhieda li ta l-attur fejn dan allega li hu, Francis Vassallo, kien naqas mir-rispett billi saħansitra semma r-reliġjon, u qal li hu ilu membri tal-Ordni mis-sena 2000, filwaqt li fl-2008 pprofessa l-vot tal-ubbidjenza, tal-kastità u tal-povertà, u ħa l-ministeru ewkaristiku. Qal ukoll li fl-2013 ħa l-voti totali ta' qassis. Spjega li meta qara l-affidavit tal-attur bid-dikjarazzjoni ta' dak li allegatament qal hu waqt it-tilwima li nqalgħet bejniethom, hu xxokkja ruħu u qal li ċertament li hu qatt ma qal xi ħaġa li ma tagħmilx ġieħ lit-twemmin u lir-rispett tiegħu lejn ir-reliġjon. Żied jgħid li in vista tal-fatt li l-attur għandu problemi bis-smigħ, hu jaħseb li dan kien fehmu ħażin. Spjega li kien proprju waqt attività tal-Ordni li hu kien iltaqa' ma' missier l-attur ġewwa Venezja, u dan qallu li kellu t-tifel jgħix Malta u kien talbu biex jieħu ħsiebu. Kompla jgħid li hu kien iltaqa' mal-attur u meta tkellmu dwar it-tip ta' servizzi li tipprovdi s-soċjetà konvenuta, kien ġie suġġerit lill-attur li dan jibda jirreferi l-klijenti lis-soċjetà konvenuta u jitħallas kummissjoni. Ix-xhud qal li meta sar jaf li l-attur kien jgħix f'Malta temporanjament, huwa kien issuġġerilu li minflok jitħallas kummissjoni, l-attur kellu jieħu salarju u jitqies bħala impjegat regolari. Ix-xhud spjega wkoll li in vista tal-fatt li għall-ewwel sena, ir-rata ta' kummissjoni kienet ser tkun wisq anqas mis-salarju, kien inħadem average sabiex fl-aħħar tas-sena jkun hemm aġġustament fuq id-dħul tal-attur għas-sena ta' wara. Qal li sabiex jiżdied id-dħul tal-attur hu kien għamlu direttur ta' numru ta' kumpanniji. Ix-xhud kompla jgħid li l-attur qatt ma kien direttur tas-soċjetà konvenuta iżda tal-kumpanniji li kienu jiġu rreġistrati għall-klijenti tagħha. Ix-xhud qal li f'każ partikolari kien hemm klijent li kien aġent tal-futbol li kien qiegħed jinnegozja t-trasferiment ta' player, u kien hemm il-ħtieġa li l-attur jiffirma xi dokumenti. Qal li kienu ppruvaw jagħmlu kuntatt mal-attur, iżda ma setgħu isibuh imkien u dan baqa' ma kienx wieġbu, sakemm imbagħad wara xi żmien sar jaf li l-attur kien mar il-Kenja ma' xi ħbieb. Qal li din l-attitudni tal-attur ma bdietx tinżel tajjeb mal-klijenti tas-soċjetà konvenuta, u kien għalhekk li ġie deċiż li r-relazzjoni tas-soċjetà konvenuta mal-attur tiġi tterminata. Qal ukoll li mhux il-kumpanniji kollha introdotti mill-attur kienu baqgħu mas-soċjetà konvenuta minħabba li wħud minnhom riedu jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' evażjoni tat-taxxa. Ix-xhud żied jgħid li hu dejjem ittratta lill-attur daqslikieku kien ibnu, u saħansitra kien ħallaslu sabiex ikun jista' jitgħallem l-Ingliż. Meta kien ra dan l-atteġġjament da parti tal-attur, huwa kien tah ħasla. Ix-xhud kompla jgħid li kien għalhekk li huwa kien bagħat ittra lill-attur sabiex jitterminalu l-impjieg. Qal li s-soċjetà konvenuta kienet anki ppreparat id-dokumentazzjoni tal-JobsPlus li kellhom jiġu ffirmati mill-attur, iżda dan baqa' ma*

*tfaċċjax u ma kienx iffirma dawn id-dokumenti. Ix-xhud spjega wkoll li minkejja li l-klijenti tas-soċjetà konvenuta ma jħallsux kull xahar, kien sar ftehim mal-attur li dan kellu jitħallas kull xahar sabiex dan ikollu cash flow u sussegwentement kien hemm numru ta' kumpanniji li kienu ġew introdotti mill-attur li baqgħu ma ħallsux lis-soċjetà konvenuta għas-servizzi li kienet tathom. Ix-xhud qal li meta ġie tterminat l-impjieg tal-attur, kien ġie kkonstatat min-naħa tas-soċjetà konvenuta li kien l-attur li kellu jtihom flus u mhux bil-kontra, minħabba fi ħlasijiet żejda li kienu saru lilu. Ix-xhud qal ukoll li fil-frattemp ma kien sar ebda tip ta' kuntatt min-naħa tal-attur mas-soċjetà konvenuta u t-tkeċċija tiegħu ma ġietx segwita b'xi kawża jew xi tip ta' kontestazzjoni quddiem it-Tribunal Industrijali.*

*Fl-udjenza tal-11 ta' Ġunju, 2018 xehed* ***Philip Degabriele****, impjegat bħala accounts executive mas-soċjetà konvenuta, li kkonferma li huwa jieħu ħsieb ukoll ir-riżorsi umani tal-kumpannija, li qal li l-attur kien impjegat mas-soċjetà konvenuta għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar, 2012 u l-31 ta' Diċembru, 2013. Ix-xhud qal li l-ħlasijiet tat-taxxa tal-attur kienu up to date sal-aħħar ġurnata li dan kien impjegat mas-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal ukoll li l-impjieg tal-attur kien ġie terminat minħabba li dan ma kienx qiegħed jattendi l-uffiċċju u jaqdi d-dmirijiet tiegħu fuq bażi regolari. Qal li l-formula ta' JobsPlus tat-terminazzjoni tal-impjieg kienet saret, iżda l-attur ma kienx mar l-uffiċċju tas-soċjetà konvenuta biex jiffirma l-formula u għalhekk din il-formola ma kinitx intbagħtet lil JobsPlus. Il-kontribuzzjonijiet tal-bolla u l-ħlasijiet tat-taxxa tal-attur kienu saru sal-31 ta' Diċembru 2013. Ix-xhud ikkonferma li l-attur bl-ebda mod ma kkontesta t-terminazzjoni jew it-tkeċċija tiegħu mill-impjieg, u dan bl-ebda mod ma kkomunika mas-soċjetà konvenuta, la bil-posta elettronika u lanqas b'xi mod ieħor.*

*Ix-xhud Philip Degabriele kompla bid-depożizzjoni tiegħu waqt l-udjenza tas-26 ta' Settembru, 201820 , fejn qal li l-ittra ta' terminazzjoni tal-impjieg kienet intbagħtet lill-attur fi Frar 2014, "in the last known address..." tal-attur li kellha soċjetà konvenuta. Qal ukoll li l-aħħar darba li hu ra lill-attur fl-uffiċċju tas-soċjetà konvenuta kien fis-sena 2013. Qal li l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali fir-rigward tal-attur tħallsu sal-aħħar tal-2013, u wara din id-data ma kien hemm l-ebda tip ta' korrispondenza min-naħa ta' xi dipartiment governattiv b'talba għal xi ħlas f'isem l-attur. Ix-xhud qal ukoll li hu ma kienx jaf li seta' jissottometti d-dokumentazzjoni tat-terminazzjoni tal-impjieg lil JobsPlus anki mingħajr il-firma tal-attur, u kien għalhekk li huwa ma kienx bagħat id-dokumentazzjoni relattiva. Ix-xhud ġie muri d-dokument esebit u mmarkat Dok. PD121, u qal li dan id-dokument juri liema kumpanniji ġew introdotti mill-attur lis-soċjetà konvenuta, il-fatturi li nħarġulhom għall-perijodu bejn l-2011 u l-2014, u l-kummissjonijiet li kienu dovuti lill-attur bit-12% skont il-ftehim ta' bejniethom. Ix-xhud spjega li l-attur tħallas salarji aktar milli fil-verità kien hemm kummissjonijiet dovuti lilu u għalhekk hemm ammont dovut mill-attur lis-soċjetà konvenuta f'dan ir-rigward. Ix-xhud żied*

*jgħid li s-soċjetà konvenuta ma ressqet ebda pretensjoni fir-rigward tal-flejjes dovuti lilha mill-attur, minkejja li jirriżulta li hemm l-ammont ta' €2,326 dovut lilha mill-attur. Ix-xhud spjega wkoll li kien hemm kumpanniji li bdew jagħmlu użu mis-servizzi tas-soċjetà konvenuta mhux minħabba l-intervent dirett tal-attur, iżda abbażi ta' relazzjonijiet u konoxxenzi personali li kellu Francis Vassallo nnifsu.*

*Il-kontroeżami tax-xhud* ***Philip Degabriele*** *sar waqt l-udjenza tal-5 ta' Novembru, 201822 , fejn qal li l-korrispondenza lill-attur kienet tintbagħat fl-indirizz tiegħu l-Imdina. Ix-xhud qal ukoll li hu sar jaf li l-ittri lill-JobsPlus setgħu jintbagħtu mingħajr il-firma tal-impjegat ħafna wara li kien ġie tterminat l-impjieg tal-attur. Ix-xhud jgħid li JobsPlus baqgħet ma ġietx infurmata bit-terminazzjoni tal-impjieg tal-attur għax l-attur ma kienx mar l-uffiċċju tas-soċjetà konvenuta biex jiffirma d-dokumentazzjoni relattiva. Ix-xhud qal li l-ittra ta' terminazzjoni ntbagħtet lill-attur fl-indirizz tiegħu u din qatt ma ġiet ritornata lura lis-soċjetà konvenuta, minkejja li din l-ittra kienet intbagħtet f'envolope bil-letterhead tas-soċjetà konvenuta. Ix-xhud żied jgħid li l-ittra ta' terminazzjoni tal-impjieg tal-attur inżammet fil-file personali tiegħu, u dawn il-files jinżammu f'arkivju. Ix-xhud żied jgħid li qabel ma rċieva r-rikors maħluf odjern, hu ma kienx konxju li kien hemm xi pendenza fil-konfront tal-attur.*

*Il-**kontroeżami tal-attur** sar waqt l-udjenza tat-3 ta' Diċembru, 201823, fejn dan qal li hu kien ġie ingaġġjat bħala marketing executive mas-soċjetà konvenuta għax kien hemm relazzjoni ta' ħbiberija bejn missieru u Francis Vassallo. Qal li fir-rwol tiegħu li jsib klijenti għas-soċjetà konvenuta, ma kienx hemm involuti avukati jew professjonisti Taljani li kienu jibagħtu l-klijenti. Qal li anki fil-każ tal-avukat Cocco, kien hu li ressqu viċin tas-soċjetà konvenuta, u f'dan ir-rigward bħal fil-każ ta' klijenti oħra, kien hu li ħa ħsieb l-aspett loġistiku taż-żjara tiegħu f'Malta. Ix-xhud qal li hekk kif kien jintroduċi kumpannija lis-soċjetà konvenuta, hu kien ikun involut immedjatament, xi ħaġa li għenitu jifhem aħjar l-operat tal-qasam tas-servizzi finanzjarji f'Malta. Qal ukoll li kien hemm ċirkostanzi fejn Francis Vassallo żamm kuntatt ma' ċerti kumpanniji, u l-attur ma kienx ġie mgħarraf dwar dan, minkejja li kien hu li introduċa l-kumpanniji lis-soċjetà konvenuta. Żied jgħid li kien hemm għadd ta' kumpanniji li tterminaw ir-relazzjoni tagħhom mas-soċjetà konvenuta minħabba li ma ngħatawx servizz tajjeb. L-attur qal li hu rċieva s-salarju li kien dovut għax-xhur ta' Jannar u Frar 2014, u kkonferma li ma kienx irċieva l-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu. Ikkonferma li minn dakinhar 'il quddiem hu ma rċieva l-ebda ħlas ieħor u l-ebda korrispondenza, l-ebda ħlas tas-sigurtà soċjali, u m'għamel xejn dwar dan minħabba li huwa kellu fiduċja fis-Sur Vassallo u dan anki fid-dawl tal-involviment tiegħu fl-Ordni ta' Malta. Kompla jgħid li Francis Vassallo kien jaf li huwa kellu bżonn isiefer biex ifittex klijenti ġodda għas-soċjetà konvenuta. L-attur qal ukoll li kull darba li kien isiefer hu kien iħalli prokura ffirmata warajh għad-dispożizzjoni tas-soċjetà konvenuta. L-attur qal li mhux minnu li fl-2014 kien mar il-Kenja. B'riferiment għax-*

*xhieda tad-diriġenti tas-soċjetà konvenuta li qalu li minkejja li għamlu diversi tentattivi, ma setgħu jikkomunikaw mal-attur bl-ebda mod, l-attur spjega li l-assenza tiegħu minn Malta fiż-żmien inkwistjoni kienet għal raġunijiet mediċi. Kompla jgħid li minkejja li wara xi żmien kien irċieva l-ittra ta' riżenja minn direttur, u konsegwentement ma baqax jirċievi xi forma ta' rimunerazzjoni mingħand is-soċjetà konvenuta, imma huwa xorta waħda baqa' jirreferi klijenti ġodda lis-soċjetà konvenuta. Qal li minkejja li ma kien qiegħed jieħu l-ebda ħlas għal dan ix-xogħol, huwa kellu fiduċja fi Francis Vassallo, sakemm beda jirċievi ittri mingħand l-MFSA bl-impożizzjoni ta' penali u taxxi dovuti minnu bħala direttur ta' għadd ta' soċjetajiet. L-attur qal li hu kien direttur ta' numru ta' kumpanniji, iżda ma kienx ikollu laqgħat ma' klijenti jew ma' rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta, u dan peress li Francis Vassallo kien jieħu ħsieb kollox hu. L-attur qal li hu ma baqax jirċievi l-ebda tip ta' rimunerazzjoni, ma baqa' jsir l-ebda ħlas ta' kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali u ta' taxxi f'ismu, u minkejja dan min-naħa tiegħu huwa baqa' ma għamel xejn dwar dan. L-attur ikkonkluda billi qal li hu ma kkontestax id-deċiżjoni tas-soċjetà konvenuta li ma jibqax jitqies bħala direttur ta' numru ta' kumpanniji, iżda rreaġixxa biss meta beda jirċievi mingħand l-awtoritajiet Maltin l-ittri dwar ħlasijiet ta' taxxa u obbligi oħra.*

*Il-**kontroeżami ta' Francis Vassallo** sar waqt l-udjenza tal-1 ta' Frar, 201924 , fejn qal li huwa kien impjega lill-attur sabiex jagħmillu pjaċir, u r-rwol tal-attur fis-soċjetà konvenuta kien li jintroduċi klijenti ġodda sabiex jibdew jagħmlu użu mis-servizzi tas-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li s-soċjetà konvenuta timpjega xufiera u messaġġiera u ma kienx hemm il-ħtieġa li l-attur jaqdi r-rwol ta' xufier tal-klijenti li kien jintroduċi, jew li joqgħod idur bihom waqt li dawn ikunu Malta. Ix-xhud qal li l-Avukat Cocco ma ġiex introdott lis-soċjetà konvenuta mill-attur, iżda hu u Cocco kienu jafu lil xulxin minn qabel. Qal ukoll li meta Cocco ġie Malta, dan ġie speċifikament għalih u mhux minħabba li kien hemm xi intervent da parti tal-attur. Ix-xhud qal li mhux veru li l-attur kien mistenni jagħmilha ta' xufier jew li jieħu ħsieb il-klijenti waqt li dawn ikunu Malta. Ix-xhud qal li l-attur ma kien jaf xejn dwar is-sistema fiskali Maltija, u kien ix-xhud li għallmu sabiex seta' jżomm l-impjieg li kellu. Ix-xhud qal illi sabiex jgħin lill-attur fl-introjtu tiegħu, kien għamlu wkoll direttur ta' għadd ta' kumpanniji. Qal li ħafna minn dawn il-kumpanniji però kienu tterminaw ir-relazzjoni li kellhom mal-attur minħabba li dan ma kien jagħmel xejn. Kompla jgħid li minkejja li l-attur kien isiefer ta' spiss, is-soċjetà konvenuta qatt ma ħallsitlu jew għamlet tajjeb għall-ispejjeż tas-safar tal-attur. Ħafna mill-klijenti li kien ġab l-attur minn barra ma kinux baqgħu klijenti tas-soċjetà konvenuta minħabba li dawn riedu jevadu t-taxxa u jagħmlu affarijiet illeċiti oħra. Ix-xhud qal li waħda mill-problemi ewlenin bl-impjieg tal-attur kienet li meta ddiriġenti tas-soċjetà konvenuta kienu jiġu bżonnu, ma kinux isibuh. Ix-xhud semma' numru ta' persuni li l-attur iltaqa' magħhom waqt żjara li dan għamel fil-kontinent Afrikan, u qal li dawn kollha kellhom problemi xħin sarilhom id-due diligence stante li kien hemm min kellu akkużi ta' evażjoni ta' taxxa u oħrajn li ppretendew*

*li ma jħallsux it-taxxa tal-VAT. Ix-xhud żied jgħid li f'punt minnhom, id-diriġenti tas-soċjetà konvenuta kienu indunaw li l-attur kien qiegħed jirrappreżentahom b'mod li ma kienx jixraq lill-kumpannija. Wara li nqala' l-inċident fejn kienet meħtieġa l-firma tiegħu minħabba t-trasferiment ta' plejer minn klabb ewlieni, u l-attur ma kienx disponibbli, kien ġie deċiż l-attur kellu jitkeċċa mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta. Mil-lista ta' kumpanniji li tressqet bħala prova ta' liema mill-kumpanniji ġew introdotti lis-soċjetà konvenuta mill-attur, ix-xhud qal li kienu biss żewġ kumpanniji li s-soċjetà konvenuta kienet baqgħu klijenti tagħha, filwaqt li l-kumpanniji l-oħrajn kollha għal xi raġuni jew oħra ma kinux baqgħu klijenti tagħha. Ix-xhud ċaħad li kien hu li għen lill-attur japplika għall-permess tar-residenza, u żied jgħid li l-unika għajnuna li offrielu kienet li ħallaslu sabiex jattendi għal kors tat-tagħlim tal-Ingliż. Ix-xhud qal li wara li ġie deċiż li l-impjieg tal-attur kellu jiġi tterminat, kienu saru diversi tentattivi min-naħa tas-soċjetà konvenuta sabiex l-attur imur fl-uffiċċju tagħha u jiffirma d-dokumenti ta' JobsPlus, iżda l-attur ma kienx mar. Qal ukoll li l-ittra ta' terminazzjoni kienet intbagħtet lill-attur fl-uniku indirizz li dan kien ta lis-soċjetà konvenuta bħala indirizz tiegħu. Ix-xhud qal li minkejja li hu jħaddem mal-ħamsa u sittin persuna, hu qatt ma keċċa lil ħadd mill-impjieg, u kien hu stess li ffirma l-ittra ta' terminazzjoni tal-impjieg tal-attur u din l-ittra kienet intbagħtet fl-indirizz indikat mill-attur. Ix-xhud qal ukoll li l-attur teknikament ma kienx impjegat, u dan ingħata impjieg sabiex is-soċjetà konvenuta tiżgura li dan kien qiegħed iħallas taxxa f'Malta u jkollu l-impjieg u l-istatus tiegħu regolarizzat.*"

## Kunsiderazzjonijiet Legali

9. Illi kif saħqet l-Ewwel Qorti rigward il-kwistjoni ta' bejn il-partijiet:

*"L-attur kien għal xi żmien impjegat mas-soċjetà konvenuta bħala marketing executive fuq bażi part-time għal żmien indefinit, bir-rwol speċifiku li jsib klijenti ġodda għas-soċjetà konvenuta li topera fis-servizzi finanzjarji. L-attur jgħid li hu qiegħda dmirijietu b'diliġenza, tant hu hekk ressaq għad ta' kumpanniji bħala klijenti ġodda tas-soċjetà konvenuta u dawn baqgħu jagħmlu użu mis-servizzi tagħha. Iżda għal dan ix-xogħol tiegħu huwa ma rċieva l-ebda paga, kummissjoni jew ħlas ieħor li talvolta seta' kien dovut lilu. Barra minn hekk is-soċjetà konvenuta naqset li tħallas il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali dovuti għall-perijodu meta huwa kien impjegat tas-soċjetà konvenuta. L-attur qiegħed jitlob illi l-Qorti tiddikjara li l-attur huwa kreditur tas-soċjetà konvenuta għal arretrati ta' paga u/jew performance bonus u kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali f'ammont li għad irid jiġi likwidat.*

> *Is-soċjetà konvenuta min-naħa tagħha wieġbet li mhux minnu li l-attur hu impjegat tagħha, billi l-impjieg tiegħu ġie terminat permezz ta' ittra tal-11 ta' Frar, 2014 fejn ġie mgħarraf li l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat. Is-soċjetà konvenuta eċċepiet ukoll li l-attur ma kkontestax t-tkeċċija tiegħu bl-ebda mod u fl-ebda forum."*

### *L-Aggravji*

10. Illi l-appellant, permezz tal-**Ewwel Aggravju**, jilmenta illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi tant li l-Ewwel Qorti għażlet li tiskredita l-verżjoni tal-fatti kif esposti mill-attur.

11. L-attur jisħaq li din l-Ewwel Qorti għamlitu billi tat importanza l-fatt li l-attur naqas milli jesebixxi ittra fejn allegatament l-appellant kien infurmat li ma kienx ser jibqa' direttur ta' kumpaniji li kien introduċa lis-soċjetà konvenuta. L-appellant jargumenta illi huwa ma eżebiex din l-ittra *stante* li ma rax ir-relevanza tal-istess. Illi huwa annetta l-istess ittra flimkien mal-appell madankollu din ġiet sfilzata[1].

12. Illi l-Ewwel Qorti saħqet li kien hemm inkonsistenzi fix-xhieda tal-attur rigwardanti din l-ittra madankollu l-appellant jisħaq illi ma jistax jifhem għal-liema inkonsistenza kienet qed tirreferi l-Ewwel Qorti u li kieku ried jigdeb rigward il-kontenut tal-ittra setgħa sempliċiment ma semmihix.

13. Illi fejn l-Ewwel Qorti qieset li kieku l-attur baqa' in kuntatt mas-

[1] *Fol.314 u 315* - Verbal ta' nhar is-17 ta' Ottubru 2023

soċjetà konvenuta l-ittra tat-terminazzjoni kienet tingħatalu f'idejh u mhux tintbagħat bil-posta, l-appellant jisħaq illi din l-asserzjoni ma tinkwadrax ruħha fil-provi miġbura u jgħid li hu ma għażilx li jaqta' l-kuntatt iżda kien Francis Vassallo stess li ġġieled mal-appellant. Jgħid li skont kif kien xehed huwa kien ixxukkjat bir-reazzjoni li kellu Vassallo u minn kummenti li lissen l-istess Vassallo fir-rigward tal-Kristjanità. Jgħid li l-Ewwel Qorti għażlet li temmen il-verżjoni tas-soċjetà konvenuta li l-appellant abbanduna l-impjieg tiegħu mingħajr ma ġġustifika l-għaliex dan għandu jkun il-każ.

14. *In oltre* jgħid li l-Ewwel Qorti ma qisitx li hu ma kienx impjegat kwalunkwe meta kkunsidrat illi l-attur ma baqax imur xogħol jew jiffrekwenta l-uffiċċji tas-soċjetà konvenuta, jew meta kien isiefer mingħajr ma jinforma lil ħadd kemm kien bi ħsiebu jdum u mingħajr ma jagħmel l-ebda arranġamenti. L-attur jgħid li xogħlu ma kienx bħal kwalunkwe impjegat ieħor iżda kien li jġib il-klijenti u b'hekk ma kellux għalfejn jaħdem mill-uffiċċju.

15. Illi fir-rigward illi l-attur ma ġab l-ebda prova dwar liema kienu s-soċjetajiet li hu introduċa lis-soċjetà konvenuta u kemm minn dawn baqgħu jagħmlu użu mis-servizzi tagħha, l-attur jisħaq illi l-Ewwel Qorti kienet fattwalment skorretta u dan *stante* li l-*accountant* tas-soċjetà konvenuta, Philip Degabriele, eżebixxa *statement* li ndika l-miżati li daħlet

is-soċjetà konvenuta minn kumpaniji li ġew introdotti mill-attur. Jgħid li hu strieħ fuq dawn l-*istatements*, anke jekk dawn juru figuri baxxi, *stante* li ma kellux mezz ieħor kif iressaq provi oħra u jisħaq li anqas kellu l-mezz sabiex iressaq rappreżentanti tal-istess kumpaniji bħala xhieda. Jisħaq li hemm prova biżżejjed bejn ix-xhieda ta' ċertu Paolo Gianfante u l-*istatements* mressqa mis-soċjetà konvenuta u jgħid li l-istess soċjetà żammet parti mill-introjtu mistur.

16. L-appellant jilmenta wkoll illi l-Ewwel Qorti qieset il-fatt li l-attur ma ffirmax l-formuli ta' terminazzjoni bħala li hu għeb, meta dan ma kellhux ikun.

17. Is-soċjetà appellata tisħaq li dak li jrid l-attur huwa li jsir riapprezzament tal-provi u dan meta l-Ewwel Qorti diġà għamlet studju approfondit tal-provi mressqa.

18. **Din il-Qorti fliet l-argumenti mressqa**. Tqis li dak li jitlob l-attur huwa li jsir riapprezzament tal-provi. Kif saħqet din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Avukat Dr Henry Saydon v. Riger Dov[2]:

> *"Ma hemmx għalfejn jingħad li għalkemm il-Qorti tat-tieni istanza ma għandhiex tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-Ewwel Qorti b'mod leġġer, madankollu, fejn tara li hemm iċ-ċirkostanzi li jitlob mit-tieni qorti li tagħmel dan, dan isir:*
>
> > *"Il-qorti tosserva, qabel xejn, b'referenza ghal-dak li jinghad fl-ewwel paragrafu tat-twegiba tal-konvenuti, illi l-konvenuti jaghtu wisq enfasi*

[2] Qorti tal-Appell Superjuri – Deċiża 25 ta' Ottubru 2023 - Rikors numru 32/15/1 LM

*lill-prassi li qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax l-apprezzament ta' fatti maghmul minn qorti tal-ewwel grad hlief f'cirkostanzi eccezzjonali. Il-Qorti tal-Appell ghandha awtonomija shiha fl-apprezzament tal-fatti u ghandha kull setgha tinterpreta l-fatti mod iehor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidhol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semghet viva voce qorti ta' revizjoni ma hijiex sejra facilment tiddisturba l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konkluzjoni tal-ewwel qorti meta din tkun ghazlet bejn zewg possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell ghandha s-setgha tikkorregi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun zbaljat irrispettivament mill-gravità tal-izball. Izzid tghid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bhal taghna fejn jezisti grad wiehed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qieghda tonqos mid-dmir taghha jekk tabdika mir-responsabilità taghha li taghmel apprezzament awtonomu tal-fatti.*[3]""

19. Il-Qorti wara li fliet is-sentenza tal-Ewwel Qorti u l-provi mressqa tqis illi jeżistu ċirkostanzi fejn isir ir-riapprezzament tal-provi bħala konsegwenza ta' xi kunsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti.

20. L-ewwelnett din il-Qorti tosserva illi l-mudell ta' paga utilizzat f'dan il-każ kien is-segwenti, skont Klawżola 12 tal-kuntratt ta' impjieg:

*"Remuneration*

*12. The Employee shall be entitled to remuneration as follows:*

*a. An annual salary of Euro 4,800 payable over twelve months in arrears;*

*b. An end of year performance bonus of 12% calculated on fees [excluding fees for advisory and director services] actually paid to, and received by, the Employer from clients introduced through the direct intervention of the Employee, less the salary paid under 12(a). Provided that where no such performance bonus arises in any particular year, the salary in 12(a) for that year shall be deducted from the performance bonus arising in subsequent years.*[4]"

[3] App. Ċiv. 891/14 JRM -Dottoressa Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dott. Joseph Muscat – Prim Ministru, l-Onor. Et- Deċiża 14 ta' Diċembru 2018.
[4] *Fol.4 et seq*.

21. Illi jidher li l-mudell kien mibni fuq *performance bonus* dipendenti fuq miżati imposti mis-soċjetà appellata fuq klijenti introdotti lill-istess soċjetà mill-attur *qua* appellant. Illi mix-xhieda mressqa jidher illi l-figura taħt 12(a) kienet mifthiema bħala salarju minimu li kien jitnaqqas mill-*performance bonus* tas-sena ta' wara. Fix-xhieda tiegħu Francis Azzopardi xehed:

> *"Imbaghad irrealizzajt li dan qed jghix Malta temporanjament, we are a tax firm allura minflok naghtih kummissjoni fuq il-commissions li huwa jaghtini fuq l-introjtu, ghidtlu ndahlek bhala impjegat biex dik il-kummissjoni tkun bhala salarju u biex ihallas it-taxxa wkoll u nohdulu l-NI u kollox biex kollox ikun regolari. Irrealizzajna li l-ewwel sena l-kummissjoni kienet ser tkun wisq inqas mis-s,alarju, ma gara xejn ghamilna average li fl-ahhar tas-sena jekk qala' inqas we adjust it the next year u ghamilnih impjegat. Impjegat bl-objettivi biex bl-oggett biex mentri jintroducuna klijent jiehu l-kommissjoni tieghu. Ukoll gabilna xi klijenti biex inzidlu l-paga, ghamiltu direttur ta' xi kumpanniji li hu stess gabli ghax hu kien residenti Malta allura kienet ovvja li jkun direttur biex jithallas extra.[5]"*

22. Is-soċjetà appellata ġiet mitluba tressaq *statement*[6] li juri l-ammonti li ipotetikament kienu dovuti lill-appellant fil-każ li jinstab li huwa dovut l-arretrati mitluba, dan hekk kif anke xehed Philip Degabriele[7]:

> *"Xhud : Dawn huma kumpanniji li gew introdotti mis-Sur Mariano, l-invoices li hargu matul is-snin mit-2011 sat-2014, it-total tal-invoices plus commissions li kien, l-arrangament li kien hemm mas-Sur Mariano.*
> *Dr. Andrew Borg Cardona : Ha nhallu barra l-ahhar tnejn on the right, l-ahhar zewg kolonni. Inti ghandek total fees invoiced …*
>
> *Xhud : Eur 158,245.*
>
> *Dr. Andrew Borg Cardona : U commission due at 12% li kien il-ftehim ma' l-attur hux hekk?*
>
> *Xhud : Yes.*

---

[5] *Fol. 223 et. seq.*
[6] *Fol. 61* u *62*
[7] *Fol. 232 et.seq.*

*Dr. Andrew Borg Cardona : Pagamenti attwali li saru lill-attur qeghdin taht dik il-kollonna hux hekk?*

*Xhud : Yes.*

*Dr. Andrew Borg Cardona : Allura l-figura Eur 2326 …*

*Xhud : Dak huwa dovut, l-ammont li huwa dovut lilna ghax hallasnih iktar milli kien hemm commissions dovuti lejh.*

*Dr. Andrew Borg Cardona : Dan qed inhallu barra l-ahhar tnejn.*

*Xhud : Iva.*

*Dr. Andrew Borg Cardona : Dawn pro … soccer, Omnimar etc etc, dawn m'hemm l-ebda kontestazzjoni li kienu introdotti mill-attur, commission due kien tant u allura l-pagamenti saru kif saru.*

*Xhud : Yes.*

*Dr. Andrew Borg Cardona : Li jirrizulta f'ammont dovut.*

*Xhud : Iva.*

*Dr. Andrew Borg Cardona : Ha nigu ghall-ahhar tnejn, Nova Trade u ITT Trade.*

*Xhud : Iva.*

*Dr. Andrew Borg Cardona : Dawn ghaliex huma separati?*

*Xhud : Ghax min-naha taghna dawk iz-zewg kumpanniji ma jihdrux li gew introdotti mis-Sur Scala.*

*Dr. Andrew Borg Cardona : Tista' telabora ftit fuqha? ITT Web?*

*Xhud : ITT Web kienet kumpannija li kienet diga Malta ghand kumpannija Fenech and Fenech, giet introdotta mill-avukat Filippo Cocco u minn hemm giet ghand Francis Vassallo. Filippo Cocco huwa rikonoxxut hafna ma' Francis Vassallo …*

*Dr. Andrew Borg Cardona : Ilhom jafu lil xulxin.*

*Xhud : Jafu lil xulxin nahseb qabel ma sar jaf lil Claudio u dik hija, Filippo Cocco introduca lil ITT Web lil Frans Vassallo.*

*Dr. Andrew Borg Cardona: U Nova Trade? M'ghandna l-ebda hjiel fuqha milli jidher ghax m'hemmx invoices. Huwa biss l-incorporation fees hux hekk?*

*Xhud : Dawk huma.*

*Dr. Andrew Borg Cardona: Meta tghid amount due, l-ahhar linja tad-dokument, amount due to Mr. Mariano, trid tispjegaha dik ghax qisna qed tammettu li ghandu jiehu …*

*Xhud: Le Nova Trade u ITT Web gew introdotti mis-Sur Di Scala, ahna l-commission joghla ghal Eur 5065, ovvjament id-differenza bejn Eur 2326 li huwa dovut lilna, overpaid, jigi favur ta Eur 2739.*

*Dr. Andrew Borg Cardona: L-2326 qed nifhem li m'hemmx claim dwarhom, marru mar-rih hux hekk?*

*Xhud: M'hemm l-ebda claim.*

*Dr. Andrew Borg Cardona: Pero dawk huma ipotetici ghax issemmew minnu allura qed nifhem allura ddahhlu hawn biex nikkalkulaw il-figura.*

*Xhud : Iva."*

23. Skont dokumentazzjoni mressqa minn rappreżentanta tar-Reġistratur tal-Kumpaniji[8], l-appellant, sa dakinhar tas-6 ta' Novembru 2017, kien involut bħala direttur u rappreżentant legali u ġudizzjarju fil-kumpanija Haraka Haraka Limited C 56169[9] u bħala azzjonist fil-kumpanija Progenie Holding Limited C 54258[10]. Xehed rappreżentant għan-nom tar-Reġistratur tal-Kumpanji fejn esebixxa dokument li juri l-involviment li kellu l-appellant f'diversi soċjetajiet u fejn ġie kkonfermat li apparti fis-soċjetajiet hawn imsemmija, l-appellant ma kellu l-ebda involviment ieħor jew inkella, kwalunkwe involviment ieħor kien ġie tterminat sal-2014[11].

[8] *Fol. 35 et seq.*
[9] *Fol. 29 u 33 et. seq.*
[10] *Fol.30 u 31 et seq.*
[11] *Fol. 47 et seq.*

24. Din il-Qorti tosserva illi l-fattura preżentata minn ċertu Paolo Gianfante kienet għas-sena 2012[12] u 2013[13]. Jidher li l-istess Gianfante waqqaf ir-relazzjoni tiegħu minn mas-soċjetà appellata:

> *"Dr David Camilleri : Ha qualche fattura?*
>
> *Xhud : Ho qui la fattura e ho l'ordine di pagamento della banca. Quindi, in nove mesi sono trenta quattro mila Euro più erano otto mila, dieci mila di costituzzione. Quindi, io nei primi nove mesi siamo gia` oltre i quaranta due o quaranta tre mila Euro. Poi me ne andrai perchè poi era una cosa costossima e non avevo un buono rapporto.[14]"*

25. Illi din il-Qorti tosserva li skont ix-xhieda mogħtija mill-attur stess, mill-2014 il-quddiem hu ma reġax kellu komunikazzjoni ma' Francis Azzopardi, li huwa l-fundatur u president tas-soċjeta appellata, u dan wara li kienu argumentaw lura fl-2014 waqt li kienu fuq telefonata. L-attur jgħid li hu kien jafda lill-Azzopardi u ħaseb li kollox kien ser jitranġa u li eventwalment kien li ser jitħallas:

> *"..Da quel momento non mi ha piu' rivolto la paroli. Io sono stato in silenzio perche' ero e sono ancora colpito dalla sua reazione violenta in cui diceva "me ne frego della cristianita'." E' stata oer me una frase sconvolgente, e temevo una persona come lui.*
>
> *In quel periodo io ero anche molto preoccupato con il mio problema dell' udito che ho gia menzionato....Ho notato anche che non ho piu ricevuto il mio stipendio in banca ma non facevo molto caso e speravoche era una conseguenza temporanea del nostro litigio. Io avevo timore di andare a parlare con Vassallo visto il suo atteggiamento aggressivo e cosi' passava del tempo. Io pero' non avevo ragione di credere che fossi stato dimesso. Pensavo, che chiarita questo malinteso, io avrei continuato a portare delle societa' a Vassallo e sarei stato pagato per gli arretrati. Pero' ho continuato a*

[12] *Fol. 57*
[13] *Fol. 58*
[14] *Fol. 36 et.seq.*

*non avere comunicazioni da e con Vassallo..."*[15]

26. Dan l-appellant reġa' saħqu fil-kontroeżami, fejn xehed ukoll li wara din it-telefonata, u ċjoè meta skont is-soċjetà appellata l-appellant kien diġà ġie mkeċċi, huwa bagħat klijenti għand is-soċjetà appellata:

*"Dr Andrew Borg Cardona: Come sottofondo di quelle parolacce, che cos'è la sua assenza solamente? Un' assenza…*

*Testimone: No, perché io ero in Ospedale per questa visita e dunque c'è stato appunto una conversazione telefonica e lui appunto mi ha detto tu devi essere a Malta e io ho detto io non posso essere a Malta per motivi di salute. Invece tu devi essere a Malta perché devi dichiarare di essere a Malta perché devi lavorare e io ho detto non è Cristiano se mi parli così perché sto male e io me ne frego della Cristianità, me ne frego della Cristianità e mi ha sbattuto il telefono in faccia.*

*Dr Andrew Borg Cardona: Okay, e lei ritorna a Malta quando dopo?*

*Testimone: Poco dopo.*

*Dr Andrew Borg Cardona: Non la giornata esatta ma giorni, settimane?*

*Testimone: Giorni.*

*Dr Andrew Borg Cardona: Giorni più.' E' andato al ufficio per parlare con De Gabriele, con Vassallo? …*

*Testimone: No perché' ho ricevuto poi quella lettera di dimissione dalla.*

*Dr Andrew Borg Cardona: Di dimissione, okay. Allora lei non fa niente, non va al ufficio, non riceve soldi, stipendio, e lascia passare quindici, sedici.*

*Testimone: E ho continuato a proporre lo studio ad altre società.*

*Dr Andrew Borg Cardona: E' continuato a lavorare?*

*Testimone: A proporre lo studio per altre società, per altri nuovi clienti.*

---

[15] *Fol. 21 et. seq*. – Affidavit tal-Attur li ġie preżentat bil-lingwa Taljana u li skond il-verbal tas-6 ta' Novembru 2017 (*fol. 20)*, l-kontroparti eżenta lill-attur milli jippreżenta traduzzjoni bil-Malti tal-istess affidavit.

*Dr Andrew Borg Cardona: E questi clienti sono andati al ufficio?*

*Testimone: Certo, Giuseppe Centurelli.*

*Dr Andrew Borg Cardona: Ma lei non riceve stipendio, et cetera et cetera abbiamo detto. Non riceva niente. Allora lei lavora per niente, per non dire qual cosa altro?*

*Testimone: Perché io avevo fiducia nel Dottor Vassallo.*

*Dr Andrew Borg Cardona: Ma questa fiducia continua per un anno, due anni, quasi tre anni.*

*Testimone: Continua nel momento ad affievolirsi nel momento in cui inizio a ricevere delle notifiche dal' MFSA dove devo pagare in qualità di*

*direttore, delle tasse, delle more e a quel punto…"*

27. Din il-Qorti tinnota illi għalkemm l-appellant semma' lil ċertu Giuseppe Centurelli ma tressqet l-ebda prova oħra fir-rigward ta' din il-persuna u jekk eventwalment sarx xi negozju mas-soċjeta appellata.

28. Din il-Qorti rriflettiet fuq dan kollu u tistqarr li tinsab perplessa kif l-appellant baqa' jippretendi li għadu ingaġġat mas-soċjetà appellata u dan meta ma jidher li saret l-ebda komunikazzjoni mal-istess soċjetà għall-ammont ta' snin, speċjalment mas-superjur dirett tiegħu meta l-irwol tal-attur kien li jintroduċi klijenti ġodda lis-soċjetà appellata. Illi kemm Philip Degabriele, l-*accountant* tas-soċjetà appellata, u kemm Francis Azzopardi, xehdu illi qabel ma l-appellant istitwixxa proċeduri legali huma ma rċevew jew kellhom l-ebda komunikazzjoni mal-appellant:

*"Dr. Andrew Borg Cardona: L-attur b'xi mod bil-miktub email whatever, ikkuntattjakhom wara 1st January 2014?*

*Xhud: No ma rcivejna l-ebda komunikazzjoni.[16]"*

U

*"Xhud: Fit-2013, 2014. Jien trattajtu bhala missier, ikkonvincejtu u hallastlu jmur jitghallem l-Ingliz allura meta rajt hekk bhala missier, tajtu hasla kif haqqu talli abbandunani u meta qed natih din il-hasla semmili din il-haga tal-kristjanezmu. Imbaghad bghattlu ittra fejn jiena ufficjalment itterminajtlu l-impjieg ufficcjalment fl-indirizz li kellna ahna li kien taghna hu.*

*Dr. Andrew Borg Cardona: Jekk mhux sejjer zball indirizz fl-Imdina hux hekk?*

*Xhud : Iva. L-HR tieghi ghamel l-ittra ta' l-ETC biex hu jiffirmaha wkoll u qatt ma tfacca, pruvajna naqbduh u qatt ma tfacca u baqa' allura l-ETC skoprejna, dan wara erbgha snin giet l-ittra minghand il-Qorti jigifieri dan qatt ma kkuntattjana xejn ma smajna minnu ...*

*Dr. Andrew Borg Cardona : Pagamenti jew salarju ta' paga lill-attur, wara dan il-punt, minghalija kien bidu tat-2014, pagamenti lilu qatt ma saru qed nifhem allura.*

*Xhud : Sa dak il-punt saru.*

*Dr. Andrew Borg Cardona : Minn hemm 'l hawn.*

*Xhud : Ghax ahna ghamilna, ahna kkalkulajna naghtu kaz, jekk dan ser jaqla' kummissjonijiet ta' twelve thousand, issa n-numri ma nafhomx ezatt, naghtu kaz twelve thousand, naghtuh elf fix-xahar ghax hu kien talabni ghall-cash flow. Sur Imhallef, il-klijenti ma jhallsux kull xahar imma kull sitt xhur allura ahna konna nohorgu l-flus kull xahar, hafna klijenti ma hallsux infatti jigifieri we went out of pocket ghax ahna kellna impjieg mieghu u arrangament biex nhallsuh kull xahar.*

*Dr. Andrew Borg Cardona: Qed nifhem allura li meta tterminajtu l-impjieg, pagamenti ohra lilu jew ghan-nom tieghu social security waqaftu. Xhud: Ghamilna l-kalkolu jigifieri jekk kellna naghtuh ghax gabilna iktar mis-salarju li ha konna nibghatulu l-flus imma meta ghamilna l-kalkolu kellu jaghtina hu l-flus ghax konna tajnih iktar u allura waqqafna l-impjieg.*

*Dr. Andrew Borg Cardona: U ma kien hemm l-ebda kuntatt min-naha tieghu qed nifhem?*

*Xhud: Xejn. Li kieku kellna kuntatt m'ahnix qeghdin hawn illum u konna nispjegawlu x'gara.*

[16] *Fol. 232 et. seq.* – Xhieda ta' Philip Degabriele

*Dr. Andrew Borg Cardona: Kawza fit-Tribunal Industrijali dwar tkeccija qatt ma saret?*

*Xhud : Xejn.*[17]"

29. Din il-Qorti ma għandha l-ebda raġuni tiddubita li dak li xehdu Degabriele u Azzopardi ma għandux mis-sewwa.

30. Din il-Qorti ssibha diffiċli temmen li l-attur tant kien offiż jew imbeżża minn Azzopardi li mhux talli qatt ma reġa' żar l-uffiċċju tiegħu anzi talli anqas qatt ma reġa' lissen kelma lil Francis Azzopardi iżda li fl-istess waqt l-appellant pretenda li kien għadu impjegat mas-soċjetà appellata.Din il-Qorti b'hekk taqbel bi sħiħ ma dak li qalet l-Ewwel Qorti u ċjoè:

> "*Il-Qorti tqis ukoll li l-attur ma baqax imur xogħol jew jiffrekwenta l-uffiċċji tas-soċjetà konvenuta almenu mill-bidu tas-sena 2014, kien isiefer mingħajr ma jinforma lil ħadd kemm kien bi ħsiebu jdum jew jagħmel arranġamenti dwar x'għandu jsir fl-assenza tiegħu mill-uffiċċju, u ma ġab ebda prova dwar liema kienu s-soċjetajiet li hu introduċa lis-soċjetà konvenuta u kemm minn dawn baqgħu jagħmlu użu mis-servizzi tagħha. L-oneru tal-prova kien fuq l-attur, bħala l-persuna li ressaq quddiem il-Qorti l-pretensjoni tal-ħlas, li jipprova billi almenu jipprovdi l-ismijiet tal-kumpanniji li huwa introduċa lis-soċjetà konvenuta, u xi forma ta' prova oġġettiva li dawn il-kumpanniji baqgħu jagħmlu użu mis-servizzi tas-soċjetà kovenuta. Is-sempliċi fatt li l-formuli tat-terminazzjoni tal-impjieg baqgħu ma ġewx iffirmati mill-attur minħabba li wara Frar tal-2014 dan bl-ebda mod ma reġa' kkomunika mas-soċjetà konvenuta, u l-fatt li l-ittra ta' terminazzjoni kellha tinbagħat lilu bil-posta, huma kollha fatturi li jindikaw li l-attur għeb għalkollox miċ-ċirkolazzjoni, u għalhekk m'hemm l-ebda raġuni loġika għal xiex din il-Qorti għandha tasal għall-konklużjoni li dan kien għadu f'xi impjieg regolari mas-soċjetà konvenuta. F'dan ir-rigward il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni li bejn il-partijiet kien għad hemm xi forma ta' rapport kuntrattwali wara l-aħħar tal-2013, jew li hemm xi bażi legali jew fattwali għall-pretensjonijiet li qiegħed jivvanta l-attur fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, meta jidher ċar li bejn il-partijiet*

[17] *Fol. 223 et seq.* – Xhieda ta' Francis Azzopardi

> *lanqas l-iċken komunikazzjoni ma kien hemm, aħseb u ara kemm kien hemm relazzjoni ta' impjegat u employer, jew xi relazzjoni kummerċjali li kienet għadha qed tiġi kkultivata."*

31. Fir-rigward tat-**Tieni Aggravju,** l-appellant jallega illi l-ittra datata l-11 ta' Frar 2014 u annessa mar-risposta ġuramentata tas-soċjetà appellata[18] hija falza, kemm għaliex l-appellant jgħid li l-indirizz huwa skorett u kemm għaliex l-appellant jgħid li kieku ntbagħtet din l-ittra ma kien hemm l-ebda bżonn tintbagħat ittra oħra datata 14 ta' Marzu 2014 sabiex jiġu tterminati d-*directorships.* Is-soċjetà appellata ssostni illi dawn l-allegazzjonijiet huma kollha bla bażi.

32. Din il-Qorti tqis illi quddiemha għandha żewġ verżjonijiet kontrastanti fejn fuq naħa s-soċjetà appellata tinsisti illi lill-appellant kienet intbagħtitlu ittra ta' terminazzjoni, filwaqt li l-appellant jinsisti li huwa qatt ma rċieva tali ittra u li din jekk intbagħtet, intbagħtet f'indirizz ħażin.

33. Illi fir-rigward tat-**Tielet Aggravju**, l-appellant isostni illi huwa suspettuż kif is-soċjetà appellata ma kinitx taf li ma kienx hemm bżonn firma tal-appellant sabiex tintbagħat l-ittra ta' terminazzjoni lill- ETC (illum Jobs Plus) u kif l-istess soċjetà xehdet, permezz tal-*accountant* tagħha, li kienet intbagħtet l-istess formola ta' terminazzjoni fl-istess żmien li ġiet imressqa l-kawża odjerna meta r-rappreżentant tal- ETC (illum Jobs Plus)

---

[18] *Fol.16*

xehed li l-istess appellant kien jidher li għadu impjegat tal-istess soċjetà[19].

34. Din il-Qorti tosserva illi kemm fit-Tieni Aggravju u kemm fit-Tielet Aggravju l-appellant iressaq punti validi. Tassew fir-rigward tal-ittra ta' terminazzjoni din il-Qorti ma tqisx li tressqet prova konklussiva illi tali ittra waslet f'idejn il-konvenut. Anqas ġiet preżentata xi rċevuta li turi minn ġabar l-ittra in kwistjoni. In oltre s-soċjetà appellata baqgħet ma ressqet l-ebda prova li nfurmat lill-ETC (llum Jobs Plus) li l-impjieg tal-appellant ġie formalment itterminat.

35. Madankollu din il-Qorti tqis li fil-każ odjern ġraw ċirkostanzi li tnaqqas l-importanza fir-rigward ta' x'sar mill-ittra ta' terminazzjoni u jekk il-Jobs Plus, għall-finijiet ta' din il-kawża u r-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet biss, ġietx infurmata bit-terminazzjoni ta' impjieg tal-appellant u dan tenut kont illi l-appellant għamel tliet snin nieqes mill-post tax-xogħol, mhux biss għaliex fiżikament ma kienx l-uffiċċju, iżda għaliex anqas qatt ma kkomunika mal-imgħallem tiegħu jew kollegi oħra. Din il-Qorti tqis li anke li kieku l-impjieg tal-appellant ma ġiex itterminat, skont kif tgħid li ġie tterminat is-soċjetà appellata, fuq nuqqas ta' prova kuntrarja l-atteġjament tal-attur jammonta għall-abbandun tal-impjieg tiegħu:

> "*However, it is submitted that there may be circumstances of implied resignation or resignation by conduct. Thus, if an employee disappears, and does not respond to the employer's communications, or if it is discovered that the employee is working for another employer,*

[19] *Fol 27 et. seq.* – Xhieda ta' Joseph Saliba ta' nhar is-6 ta' Novembru 2017, Senior Executive ta' Jobs Plus

*it may not be difficult to infer that he has resigned his employment. The point was made by Sir John Donaldson in Harrison vs George Wimpey & Co. Ltd. (1972) 7 ITR 188, NIRC):*

> *"Where an employee so conducts himself as to lead a reasonable employer to believe that the employee has terminated the contract, the contract is then terminated."*[20]

36. Tenut kont dan kollu din il-Qorti ma tqisx li jistgħu jintlaqgħu l-aggravji tal-appellant.

**Deċide**

37. Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tiċħad l-istess u tikkonferma s-Sentenza tal-Ewwel Qorti fl-intier tagħha. Spejjeż ta' dan l-appell a karigu tal-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da

[20] Norman Selwyn "Selwyn's Law of Employment", 19th Ed., Oxford University Press